MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2008

Numru 450/2008

**Il- Pulizija**
**(Spettur Edel Mary Camilleri)**
**(Spettur Anne Marie Micallef)**

**vs**

**Chi Hua**

Illum, 20 ta’ Mejju, 2008,

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija Chi Hua, ta’ 35 sena, bint Chang Zhi u Li Jinze, imwielda ic- Cina f’ Liaoning fit- 3 ta’ Ottubru, 1972 u detentrici tal- passaport Ciniz bin- numru GI 9172491 detenuta fil- Lock up il-

Floriana ricentament f' dawn l- ahhar jiem f' Malta f' 'Violet', 30, Triq il- Knisja, Msida.

Akkuzata talli:

Fid- 19 ta' Mejju, 2008 u fix- xhur ta' qabel, f' Malta ghamlet falsifikazzjoni, biddlet jew ghamlet xi tibdil f' passaport jew uzat jew kellha ghandha passaport li kienet taf li gie ffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih dan bi ksur ta' l- artikolu 5 tal- Kapitlu 61 tal- Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli taht l- istess cirkostanzi, xjentament ghamlet uzu, minn sigill, timbri jew marki u xjentemnet minghajr awtorita` legittima kellha fil- pussess taghha passaport li fih iffalsifikat sigilli, timbri jew marki ohra, li qeghdin sabiex jissigillaw, jittimbraw, jimmarkaw, jawtentikaw jew jiccertifikaw fl- isem il- Gvern jew ta' awtoritajiet tieghu, dokumenti jew oggetti, sew jekk ta' propjeta' privati, jew li jkunu qeghdin taht il- garanzija pubblika. Dan bi ksur tal-artikoli 172(1)(2), 176 tal Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta;

Kif ukoll talli taht l- istess cirkostanzi ghamlet falsifikazzjoni jew xjentement ghamlet uzu minn xi dokument iehor falsifikat, u cioe` il- passaport taghha stess dan bi ksur ta' l- artikolu 189 tal- Kapitlu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputata ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha anke wara li l-Qorti fissrithielha l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtha zmien biex tikkonsidra l-pozizzjoni taghha.

Rat l-artikoli 172(1)(2), 176, u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijet migjuba kontra taghha ghalhekk dawn huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-koperazzjoni ta'l-imputata mal-pulizija.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti wara li rat l-artikoli 172(1)(2), 176, u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 5 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha ghal-piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' sittax il-xahar, liema perjodu, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta' sena.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghha taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk hija tikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------